**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Kaled Mukthar Ben Gamhur**

**Distrett**

**Illum 18 ta' April 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Kaled Mukthar Ben Gamhur** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 427000 (L) billi huwa akkuzat talli nhar is-16 ta' April2017 bejn l-erbgha u s-sitta ta' wara nofsinhar (16:00-18:00 Hours) , vicin Misrah Kastilja fil-Belt Valletta u f' dawn il-Gzejjer :

1. Ikkometta serq ta' apparat elettroniku tal-ghamla 'Samsung' minn gewwa l-vettura bin-numru tar-regiustrazzjoni LCW- 883, liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda huwa kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Valhmor Montfort u/jew peruna/i ohra ;

2. Kif ukoll talli kkometta reat waqt il-perjodu operattiva ta' 'Probation@ hekk kif moghtija mhar is-16 ta' Awwissu 2016, mill- Magistrat Dr. M. Vella LL.D, liema sentenza hija assluta u ma tistax tinbidel;

3. U aktar talli rrenda ruhu ricediv ai terminital-artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tathu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni u l-avukat Yanika Camilleri ghad-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

**Decide**:

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija.

Rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-hati jibda jsegwi programm kontra l-vizzju tad-droga.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**